MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**YANA MICALLEF STAFRACE**

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2010

Talba Numru. 411/2010

**Peter u Catherine konjugi Farrugia**
**(ID 233236M u ID 141137M rispettivament)**

**vs**

**Jacqueline Fenech (ID 655863M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fid-16 ta' Marzu 2010, fejn intalab li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lill-atturi is-somma ta' erba' mija u sebgha u disghin Euro u disgha u disghin centezmu (€497.99c) ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-ispejjez kollha u bl-imghaxijiet.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tal-attur sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment, il-konvenuta naqset u ma dehritx la fis-seduta tal-11 ta' Ottubru 2010, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha ttiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tal-atturi tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-atturi s-somma ta' erba' mija u sebgha u disghin Euro u disgha u disghin centezmu (€497.99c), bl-imghaxijiet kif mitluba fl-Avviz u bl-ispejjez kollha li ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------